

32007R0037

18.1.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 11/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 37/2007**tas-17 ta' Jannar 2006****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 990/2006 dwar is-sejħa għall-offerti permanenti għall-esportazzjoni taċ-ċereali miżmuma mill-aġenziji ta' intervent tal-Istati Membri**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 990/2006² jistabbilixxi li l-obbligu ta' esportazzjoni huwa kopert minn garanzija li l-ammont tagħha huwa ugwali għad-differenza bejn il-prezz ta' intervent validu fil-jum tas-sejħa ta' offerti u l-prezz aġġudikat, mingħajr ma jkun inqas minn 25 EUR għal kull tonnallata.
- (2) Għall-operaturi li jaġġudikaw il-lottijiet tas-segala għall-esportazzjoni, is-sitwazzjoni komparattiva, fis-suq tal-esportazzjoni u fis-suq intern, tal-prezzijiet tas-suq tas-segala tista' twassal li tkun finanzjarment interessanti għalihom jekk jergġhu jagħmlu bejgħ fis-suq intern u jtilfu l-garanzija msemmija. Sabiex tkun evitata din is-sitwazzjoni u sabiex is-sejħa għall-offerti koperta mir-Regolament (KE) Nru 990/2006 tkun tista' taħdem b'mod effikaċi, għandha tiżdied l-imsemmija garanzija għas-segala.
- (4) Għalhekk għandu jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 990/2006.
- (5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-ċereali,

¹ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p.11.)

² ĠU L 179, 1.7.2006, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1349/2006 (ĠU L 250, 14.9.2006, p.6)

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 10, paragrafu 2 tar-Regolament (KE) Nru 990/2006 huwa mibdul bit-test li ġej :

"2. B'deroga mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2131/93, l-obbligu ta' esportazzjoni huwa kopert minn garanzija li l-ammont tagħha huwa ugwali għad-differenza bejn il-prezz ta' intervent li huwa validu fil-jum tas-sejħa għall-offerti u l-prezz aġġudikat, mingħajr ma dan ikun inqas minn 50 EUR għal kull tunnellata ta' segala u 25 EUR għaċ-ċereali l-oħra. Nofs din il-garanzija titħallas mal-ħruġ tal-liċenzja għall-esportazzjoni u l-bqija titħallas qabel ma jittieħdu ċ-ċereali mill-maħżen."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni